ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2025

Talba Nru: CCT85/25/DS

Luisa Camilleri

Vs

Ennebi Furniture Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tal-attriċi pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2025 fejn talbet lis-soċjeta' intimata l-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) u cioe ħamest elef Ewro (€5,000) riduzzjoni fil-prezz tal-kċina, kif ukoll ħamest elef Ewro (€5,000) danni morali.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-2 ta' Ġunju, 2025 fejn hija tenniet illi il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attriċi kienet ordnat kċina mingħand is-soċjeta' intimata li wiegħditha illi ser tforniha bi kċina b'mod urġenti peress illi din kienet inħarqitilha u kellha bżonnha malajr. Il-kċina swiet €14,800. L-attriċi tgħid illi kienet imwiegħda li l-kċina tasal f'Settembru, 2024 u għaldaqstant żarmat il-kċina tagħha pero' il-kċina ma waslitx fil-ġurnata li kellha tasal u dan kien ta' inkonvenjent kbir għall-attriċi.

L-attrċi tgħid illi kien sar diżinn ta' kċina fuq il-qisien mgħotijin minnha pero' wara li ġiet ordnata kċina b'diżinn li għoġob lilha, kellha tinbidel għaliex indunaw illi ma kienetx ser toqgħod fl-ispazju mgħoti. Dan id-diżinn ġie aċċettat mill-attriċi pero' meta waslet kien hemm elementi mill-kċina neqsin, kien hemm danni fil-bibien liema bibien qalulhom li kienu ser jinbidlu pero' sat-28 ta' Ġunju, 2025 kienu għadhom ma waslux. L-attriċi tgħid ukoll lli kien hemm problema fil-breakfast table għaliex lanqas joqgħodu żewġ stools magħha għax il-forma hija zgħira wisq pero' fuq domanda tat-Tribunal tgħid illi l-miżuri kienet tafhom. Jidher illi kien hemm problema wkoll fil-hood għaliex qiegħda b'mod illi d-duħħan joħrog minnha u jinfirex mat-top cupoboard, jibda jqattar u joħloq condensation b'mod illi jagħmel il-kċina mhux funzjonabbli kif suppost. Il-kumpanija li mmanifatturat il-kċina insistiet illi hekk kienu joħorġu pero' l-attriċi tinsisti illi kif inhi mhux funzjonabbli. L-isplashback qiegħda wkoll tinqala' minn mal-ħajt.

L-attriċi tgħid illi hija tixtieq illi jieħdu l-kċina lura u jtuha flusha lura pero' jekk dan mhux possibbli l-€10,000 mitlub minnha jinqasmu f'€5,000 danni materjali u €5,000 danni morali. Hija qalet li waslet għall-konkluzjoni li danni morali hemm €5,000 jgħaliex dawn huma l-kalkoli ta' kemm taħsebn li jqum biex jissewwew l-affarijiet li mhux jaħdmu sewwa.

Is-soċjeta' intimata għamlet il-punti tagħha dwar il-hood, fejn qalet illi s-supplier informaha illi ma kellux difetti għaliex hekk joħrog; dwar il-mejda fejn qalet illi din kienet tal-qies mitlub mill-attriċi; dwar il-bibien fejn qalet illi bieba waħda kienet inbidlet u tlieta kien għad iridu jinbidlu; kif ukoll dwar l-isplashback li qalet li ma kienetx taf biha ħlief waqt din il-kawża.

Ikkunsidrat

Illi rigward il-bidla fid-diżinn m'hemmx kontestazzjoni w'għaldaqstant dan it-Tribunal mhux ser jieħu konjizzjoni ta' evidenza o meno fir-rigward.

Rigward il-built in hood, dan it-Tribunal jinsab konvint illi mhux jiffunzjona kif suppost b'dana illi għalkemm is-supplier u s-soċjeta' intimata jinsistu illi dan huwa

magħmul kif suppost, mhux magħmul b'mod illi jaqdi l-funzjonijiet tiegħu sew għaliex wieħed ma jistgħax wara li jsajjar jgħaddi mill-perkors ta' tindif minħabba kondensazzjoni bil-mod kif l-attriċi qiegħed ikollha tagħmel. M'hijiex kwsitjoni illi dan il-hood qiegħed 'jiffiltra l-artja u jerġa joħroġ arja nadifa fil-kamra.' Iżda kwistjoni ta' hood mingħajr extraction funzjonanti li mhux għaldaqstant taħdem kif wieħed jistenna illi taħdem hood.

Rigward il-breakfast table, l-attriċi tammetti illi hija kienet taf il-qisien pero' ma ħasbitx illi ma joqgħodux żewġ banketti. Filwaqt illi dan it-Tribunal jikkondividi l-frustrazzjoni tal-attriċi il-breakfast table jidher illi kellha l-qies pattwit w'għaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib illi hemm l-ebda problema bl-imsemmija mejda.

Rigward l-isplashback is-soċjeta intimata tgħid illi din saret taf biha waqt dawn il-proċeduri u dan qalitu wkoll l-attriċi pero' dan ma jfissirx illi mhux kif stipulat l-attriċi, illi anke provdiet prova tal-istess. Filwaqt illi dan it-Tribunal irid jieħu in konsiderazzjoni illi s-soċjeta' intimata ma tpoġġietx f'sitwazzjoni li tirrimedja dwar l-isplashback, ser tikkonsidra dan fid-dawl tat-talbiet kollha magħmula mill-attriċi.

Rigward il-grif fuq il-bibien, l-attriċi pruvat il-każ tagħha anka bl-istess ammissjoni tas-soċjeta' attriċi li ammettiet illi kienet ordnathom biex jinbidlu. Sal-20 ta' Ġunju. 2025 fuq ammissjoni tas-soċjeta' attriċi kien hemm wieħed minn erbgħa bibien biss mibdulin u cioe' sa disgħa (9) xhur minn mindu suppost ġiet installata l-kċina l-installazzjoni tagħha kienet għadha mhux kompluta anka wara li s-soċjeta' intimata provat tirrimedja.

Illi t-Tribunal ra l-artikolu 74 tal-Kap 378 u jħoss illi l-konsumatur fiċ-ċirkustanzi għandu dritt għal tnaqqis xieraq fil-prezz.

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi l-attriċi ma ġabet l-ebda stima ta' kemm kienu jiswew tiswijiet fil-*parts* kollha illi hija qiegħda titlob riżarċiment tagħhom pero' stante illi hija talbet ħamest elef Ewro (€5,000) f'danni materjali għad-danni kollha subiti meta fil-fatt rigward id-diżinn jidher illi dan kien hemm qbil fuqu; rigward il-mejda (*breakfast table*) jidher illi din kienet tal-qies pattwit; l-*isplashback* jidher illi kien hemm problema pero' is-soċjeta' attriċi ma ngħatatx ċans issolvi l-problema għaliex ma kienetx ġiet indikata lilha, dan it-Tribunal ma jistgħax jagħti riżarċiment għall-ammont kollu iżda ser jillimita ruħhu illi jagħti riżarċiment fuq il-bibien illi kienu għadhom ma waslux sakemm din il-kawża marret għas-sentenza, kif ukoll dwar il-*hood* illi hija tħoss illi ma jaqdix il-funzjoni propja tiegħu u ma jidhirx illi l-kummerċjant sab soluzzjoni xierqa għal dan.

Dan it-Tribunal ser jieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi jista' jkun diffiċli illi jitqabblu l-bibien w'għaldaqstant jista' jagħti l-każ illi jkunu jridu jinbidlu kollha, kif ukoll illi biex jinbidel il-*hood* irid jigi nstallat wieħed ġdid w'għaldaqstant minbarra l-valur tal-*hood* innifsu wieħed irid iqis ukoll l-ispejjeż tal-istallazzjoni.

Illi barra dan, dan it-Tribunal iqis ukoll l-element tad-dewmien u l-fatt illi l-attriċi kellha żżarma l-kċina tagħha ġimgħa qabel a detriment tagħhha u l-kċina baqgħet ma ġietx installata; il-fatt illi għaddew xhur sħaħ u xorta l-attriċi ma setgħetx tgawdi l-kċina mixtrija kif suppost; kif ukoll l-elemet ta' inkonvenjent akut illi kellha tissubixxi l-attriċi kull darba li ssajjar minħabba l-*hood* w'għaldaqstant ser tagħti l-massimu ta' danni morali permissibbli bil-liġi bħala kumpens f'dan il-każ.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi l-attriċi provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa sal-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) f'riduzzjoni fil-prezz tal-kċina kif ukoll fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) f'danni morali.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) illi ħames mija (€500) minnhom qiegħdin jingħataw bħala danni morali lill-attriċi u teżonera lis-soċjeta' attriċi milli tagħmel tiswijiet ulterjuri jew tibdil ulterjuri fil-kċina mertu ta' din il-kawża b'dana illi jekk hija għamlet xi xogħolijiet u/jew tibdil ulterjuri fil-mori ta' din il-kawża dawn għandhom jibqgħu jitgawdew mill-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.



Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),

M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru